Nru./No. 21,720
Prezz/Price
€0.72

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru, 2026
Thursday, 17th September, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 16,693 - 16,702
Government Notices ..... *16,693 - 16,702*

Avviżi tal-Qorti ..... 16,703 - 16,704
Court Notices ..... *16,703 - 16,704*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1403

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-17 ta' Settembru, 2026
(File No. L/41/2026)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Fgura:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 4,588 metri kwadri, li tmiss mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi akkwistata b'konnessjoni mal-Club tal-Football tal-Fgura.

Il-biċċa art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2026_0039, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' miljun, sebgħa u erbgħin elf u mitejn u ħamsin Ewro (€1,047,250) skont l-istima konġunta li saret mill-Periti Edwin Mintoff, Stephen Vancell u Denis Camilleri, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-15 ta' Settembru, 2026

GOVERNMENT NOTICES

No. 1403

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

17th September, 2026

Description of the Land

The following land at Fgura:

A plot of land measuring about 4,588 square metres, bounded on the East and on the South by Government property and on the West by property of unknown owners or more precise boundaries.

The abovementioned land is being acquired in connection with the Fgura Football Club.

The abovementioned plot of land is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2026_0039, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is one million, forty seven thousand and two hundred and fifty Euros (€1,047,250) according to the joint valuation made by Architects Edwin Mintoff, Stephen Vancell and Denis Camilleri, an extract of which is being attached with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

15th September, 2026

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġn 16,695.

This site plan is being published on page 16,695.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċa art fi Triq A.M. Valperga, Il-Fgura, meħtieġa għal finijiet ta' esproprazzjoni għal skopijiet pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Ligijiet ta' Malta qegħdin niffissaw il-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq A.M. Valperga, Il-Fgura, li hija meħtieġa mill-Gvern għal Skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajna il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġ uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 4,588 metri kwadri, li tmiss mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2026_0039, u l-kumpens stmat hu ta' miljun, sebgħa u erbgħin elf u mitejn u ħamsin Ewro (€1,047,250).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tagħna fil-5 ta' Marzu, 2026. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Edwin Mintoff
Perit Stephen Vancell
Perit Denis Camilleri

Il-15 ta' Settembru, 2026

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a plot of land in Triq A.M. Valperga, Fgura, required for expropriation purposes for public purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, we are assessing the freehold and unencumbered value of the undermentioned property in Triq A.M. Valperga, Fgura, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 4,588 square metres, bounded on the East and on the South by Government property and on the West by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2026_0039, and the compensation is valued for one million, forty seven thousand and two hundred and fifty Euros (€1,047,250).

Note: This is an extract of the original report given by us on the 5th March, 2026. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Edwin Mintoff
Architect Stephen Vancell
Architect Denis Camilleri

15th September, 2026


This is an official document for Land Registration Agency use only
Dan hu dokument uffiċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
FIGURA
Tal-Foss
TRIQ SAN NIKOLA
TRIO IS-SUR
TRIO IL-GERANJU
TRIO IL-ORONFOL
TRIO IL-WARD TAX-XEMX
TRIO L-KAMPANELLI
TRIO GORG STEVENS
WESGHA JESSIE MILLER
Pjanta tas-Sit 1:2500 Site Plan
Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta
Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta
Nru tal-Mappa: 427125 M
Map Number:
Pożizzjoni Ċentrali: x = 56665
Centre Coordinates: y = 70445
Parti min S.S.: 5670
Extracted from S.S:
Data: 05/02/2026
Date:
Perit:
Architect:
Qies (metri kwadri): 4,588m² (circa)
Area (square metres):
Timbru tal-Perit:
Architect's Stamp:
Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority
Firma ta' l-Applikant:
Applicant's Signature:
LR 414490
Dritt imħallas
Fee Paid
IS-SUR TA'
TRIQ IL-GERANJU
46m
24m
6m
8m
23m
19m
12m
26m
13m
17m
20m
14m
10m
Scale 1:1000
0 20 40 60 80 100m
NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

Nru. 1404

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-17 ta' Settembru, 2026
(File No. L/299/2018)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Mosta:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 412-il metru kwadru, li tmiss mil-Lvant, mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 8 metri kwadri, li tmiss mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

Il-biċċtejn art hawn fuq imsemmija qegħdin jiġu akkwistati b'konnessjoni ma' żvilupp ta' art għal spazju pubbliku.

Il-biċċtejn art hawn fuq imsemmija jidhru delinjati bil-kulur aħmar u mmarkati bħala plots nri '1' u '2' fuq il-pjanta P.D. nru. 2018_0404, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini tal-Artikolu 67 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċtejn art hawn fuq imsemmija huwa ta' sitt mija u ħamsa u erbgħin elf, seba' mija u sbatax-il Ewro (€645,717) għal plot numru 1 u tnax-il elf, ħames mija u tmienja u tletin Ewro (€12,538) għal plot numru 2, skont l-istima li saret mill-Periti Alex Cutajar, Daniel Darmanin u Matthew Degiorgio, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 1404

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

17th September, 2026

Description of the Land

The following land at Mosta:

A plot of land measuring about 412 square metres, bounded on the East, on the North and on the South by Government property or more precise boundaries.

A plot of land measuring about 8 square metres, bounded on the West and on the East by Government property and on the South by property of unknown owners or more precise boundaries.

The abovementioned two plots of land are being acquired in connection with land development for a public space.

The abovementioned two plots of land are shown delineated with the colour red and marked as plots '1' and '2' on plan P.D. no. 2018_0404, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 67 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned two plots of land is six hundred and forty five thousand, seven hundred and seventeen Euros (€645,717) for plot number 1 and twelve thousand, five hundred and thirty eight Euros (€12,538) for plot number 2, according to the valuation made by Architects Alex Cutajar, Daniel Darmanin and Matthew Degiorgio, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-4 ta' Settembru, 2026

Dawn is-*site plans* qed jiġu ppubblikati f'paġni 16,698 u 16,699.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċtejn art fi Triq Santa Margerita, Il-Mosta meħtieġa għal finijiet ta' esproprazzjoni għal skopijiet pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Ligijiet ta' Malta qegħdin niffissaw il-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq Santa Margerita, Il-Mosta, li hija meħtieġa mill-Gvern għal Skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajna il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġ uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 412-il metru kwadru, li tmiss mil-Lvant, mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot numru '1' fuq il-pjanta P.D. nru. 2018_0404, u l-kumpens stmat hu ta' sitt mija u ħamsa u erbgħin elf, seba' mija u sbatax-il Ewro (€645,717).

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 8 metri kwadri, li tmiss mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot numru '2' fuq il-pjanta P.D. nru. 2018_0404, u l-kumpens stmat hu ta' tnax-il elf, ħames mija u tmienja u tletin Ewro (€12,538).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tagħna fil-11 ta' Marzu, 2025. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Alex Cutajar
Perit Daniel Darmanin
Perit Matthew Degiorgio

It-3 ta' Settembru, 2026

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

4th September, 2026

These site plans are being published on pages 16,698 and 16,699.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of two plots of land in Triq Santa Margerita, Mosta, required for expropriation purposes for public purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, we are assessing the freehold and unencumbered value of the undermentioned property in Triq Santa Margerita, Mosta, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 412 square metres, bounded on the East, on the North and on the South by Government property or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red and marked as plot number '1' on plan P.D. no. 2018_0404, and the compensation is valued for six hundred and forty five thousand, seven hundred and seventeen Euros (€645,717).

A plot of land measuring about 8 square metres, bounded on the West and on the East by Government property and on the South by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red and marked as plot number '2' on plan P.D. no. 2018_0404, and the compensation is valued for twelve thousand, five hundred and thirty eight Euros (€12,538).


Note: This is an extract of the original report given by us on the 5th March, 2026. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.


(Sgd) Architect Alex Cutajar
Architect Daniel Darmanin
Architect Matthew Degiorgio

3rd September, 2026

Dan hu dokument uffiċċjali ghall-użu biss fl-Aġenzija ghar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only





Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija ghar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **390671 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 48644** **y = 75015**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **4875**	Data: *Date:* **17/04/2025**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*
Perit John Schembri
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 412m² (circa)

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 350891

Dritt imhallas *Fee Paid*

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only

Land Registry Office

OWNERSHIP


10.4m
4.4m
1.2m
1.2m
1m
1m
1.2m

According to P.A. No. 2018_0404 (Rot 2)

Scale 1:250

0 5 10 15 20 25m

NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **390673 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 48652 y = 74996**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **4874**	Data: *Date:* **17/04/2025**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit John Schembri
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 8m² (circa)

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 350892

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 1405

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-17 ta' Settembru, 2026

(File No. L/298/2023)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħal Qormi:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 106 metri kwadri, li tmiss mil-Lvant, mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi akkwistata b'konnessjoni ma' formazzjoni ta' triq fi Triq il-Wied.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2023_0442, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' tmienja u disgħin elf Ewro (€98,000), skont l-istima li saret mill-Perit Adriana Zammit, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-25 ta' Awwissu, 2026

No. 1405

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

17th September, 2026

Description of the Land

The following land at Ħal Qormi:

A plot of land measuring about 106 square metres, bounded on the East, on the North and on the South by property of unknown owners or more precise boundaries.

The abovementioned land is being acquired in connection with the formation of a road in Triq il-Wied.

The plot of land is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2023_0442, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is ninety eight thousand Euros (€98,000), according to the valuation made by Architect Adriana Zammit, an extract of which is being attached with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

25th August, 2026

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġn 16,702.

This site plan is being published on page 16,702.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċa art fi Sqaq nru. 6, Triq il-Wied, Ħal Qormi, meħtieġa għal finijiet ta' esproprazzjoni għal skopijiet pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Ligijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Sqaq nru. 6, Triq il-Wied, Ħal Qormi, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 106 metri kwadri, li tmiss mil-Lvant, mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2023_0442, u stmata għall-valur ta' tmienja u disgħin elf Ewro (€98,000).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-22 ta' Marzu, 2024. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Adriana Zammit

Id-19 ta' Awwissu, 2026

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a plot of land in Sqaq nru. 6, Triq il-Wied, Ħal Qormi, required for expropriation purposes for public purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value of the undermentioned property in Sqaq nru. 6, Triq il-Wied, Ħal Qormi, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 106 square metres, bounded on the East, on the North and on the South by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2023_0442, and is valued for ninety eight thousand Euros (€98,000).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 22nd March, 2024. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Adriana Zammit

19th August, 2026

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **328847 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 52150 y = 71326**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **5271**	Data: *Date:* **22/11/2023**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* circa:- 106 m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 285154 Dritt imhallas *Fee Paid*

2408

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 293/2026AD, fl-ismijiet: Carmelo sive Charles Galea et vs Corinne Buttigieg de Piro et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap 12, biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Corinne Buttigieg de Piro et.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Carmelo sive Charles Galea (15460M) u Doris Galea (219762M) konjugi Galea vs Corinne Buttigieg de Piro (236548M) u għal kull interess li jista' jkollha Victoria Krajci Buttigieg de Piro (427971M) ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-27 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) Tgħid u tiddikjara li l-intimati jew min minnhom in vista tal-azzjoni fuq deskritta, wettqu spoll fil-konfront tal-esponenti;

2) Tordna lill-istess intimati jneħħu l-bord t' injam u kull xkiel ieħor li huma waħħlu fl-istess taraġ mingħajr ebda permess u għad-dannu tal-istess esponenti u dan sabiex l-istess esponenti jerġgħu jiġu riintegrati fil-pussess tal-istess taraġ fi żmien peremptorju u taħt dawk l-kundizzjonijiet kif jidhrilha l-istess Qorti;

3) Tordna li fil-każ li l-istess intimati jonqsu milli jagħmlu hekk, l-istess bord tal-injam jitneħħa mill-esponenti u dan a spejjeż tal-istess intimati jew min minnhom;

4) Tiddikjara lill-istess intimati responsabbli għad-danni kollha morali u tip ieħor sofferti mill-esponenti riżultanti mill-istess azzjoni fuq imsemmija, liema danni u qed jiġu kkawżati mill-istess intimati jew min minnhom;

Ir-rikors ġuramentat numru 293/2026AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għall-24 ta' Settembru, 2026 fil-10.50 a.m.

Notifika:
Corine Buttigieg De Piro – 92, Triq Isouard, Tas-Sliema

Victoria Buttigieg De Piro – 41, Triq San Ġużepp, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 9 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 19th June, 2026, in the records of the Sworn application number 293/2026AD, in the names: Carmelo sive Charles Galea et vs Corinne Buttigieg de Piro et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap 12, for the purpose of service of Corinne Buttigieg de Piro et.

By means of an application in the names: Carmelo sive Charles Galea (15460M) and Doris Galea (219762M) spouses Galea vs Corinne Buttigieg de Piro (236548M) and for any interest that Victoria Krajci Buttigieg de Piro (427971M) may have filed in the Civil Court, First Hall on the 27th March, 2026, the applicants asked this Honourable Court so that it:

1) States and declares that the respondents or either of whom in view of the action above described, carried out a spoliation against the applicants;

2) Orders the same respondents to remove the wooden board and any other obstacles that they have affixed in the same staircase without any permission and to the detriment of the same applicants and this so that the same applicants are reintegrated in the possession of the same staircase within a peremptory period and under such conditions as the same Court deems fit;

3) Orders that in the case that the same respondents fail to do so, the same wood board be removed by the applicants and this at the expense of the same respondents or either of them;

4) Declares the same respondents responsible for all moral damages and other types suffered by the applicants resulting from the same action above mentioned, which damages are being caused by the same respondents or either of whom;

The sworn application number 293/2026AD in the names mentioned above is postponed to the 24th September, 2026 at 10.50 a.m.

Notification:
Corine Buttigieg de Piro – 92, Triq Isouard, Tas- Sliema

Victoria Buttigieg De Piro – 41, Triq San Ġużepp, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, today, 9th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2409

ARB/C110/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-5 ta' Settembru, 2026 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja – (Maġistrat Dott. Astrid May Grima LLD), Kumpilazzjoni Numru 773/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MARIUS NĂDESCU sive NADESCU, ġardinar, ta' 49 sena, iben il mejjet Vasile u l-mejta Zinca Nadescu imwieled ġewwa Draganeşti-olt,Rumanija, fit-30 ta' Marzu, 1977, u mingħajr indirizz fiss u detentur tal-Passaport Rumen bin-numru 057990086.

Il-Qorti ordnat is-sekwestru ta' kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska, u li żżomm u tipprojbixxi lill MARIUS NĂDESCU sive NADESCU milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tiegħu jew li tkun fil-pussess tiegħu b'dan li l-assi speċifiċi li għandhom ikunu soġġetti għal-konfiska huma s-somma ta' elf mitejn u ħames ewro u disgħa ċenteżmi (€1,205.09) jew assi jew proprjetà oħra ta' valur ekwivalenti u dan ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta u fit-termini tal- Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal- Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti awtorizzat lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' €21,945 kull sena, hekk kif determinat mill-A.L.31 tal-2024 li jkun jista jużah għall-użu personali tiegħu. B'dan illi kull entita finanzjara hija ordnata li b'nota tinforma lill Qorti f'liema kont jew mill-liema kont ikun qed jiġu perċepiti l-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax il-elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 15 ta' Settembru, 2026

IS-SINJURA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Ufficju għal-Irkupru tal-Assi

ARB/C110/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 5th September, 2026 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Astrid May Grima LLD), with Compilation Number 773/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MARIUS NĂDESCU sive NADESCU, gardener, 49 years, son of late Vasile and late Zinca Nadescu born in Draganeşti-olt,Rumanija, on the 30th March, 1977, without a fixed address and holder of Rumanian Passport number 057990086.

The Court ordered the attachment of any property held by third parties in respect of which there are valid grounds to believe that such property is liable to confiscation, and ordered that MARIUS NĂDESCU sive NADESCU be restrained and prohibited from transferring, pledging, hypothecating, or in any other manner altering or disposing of such property, and of any other property belonging to him or in his possession, whereby the specific assets which are to be subject to confiscation are the sum of one thousand two hundred and five euro and nine cents (€1,205.09), or other assets or property of equivalent value, and this in terms of Article 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta, and in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta.

The Court authorised the accused to receive the amount of €21,945 per annum, as determined by Legal Notice 31 of 2024, which amount may be utilised for his personal use. Every financial entity is hereby ordered to inform the Court, by means of a note from which account or from where he is perceiving said money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro and (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 15th September, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603